

FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# RAPPORT DWAR ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI – 2022




## OPINJONIJIET TAL-FRA



Is-sena 2021 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022 tal-FRA* jirrieżamina l-iżviluppi ewlenin fil-qasam, filwaqt li jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li fadal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjonijiet tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin fl-oqsma tematiċi koperti u taqsira tal-evidenza li tappoġġja dawn l-opinjonijiet. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kompatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin tad-drittijiet fundamentali li qed jiffaċċjaw kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.

1 [ENFASI] Id-drittijiet soċjali u l-ugwaljanza fid-dawl tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19

3 Implimentazzjoni u użu tal-Karta fil-livell nazzjonali

6 Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

9 Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata

12 Ugwaljanza u inklużjoni tar-Rom

15 Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni

17 Soċjetà tal-informatika, privatezza u protezzjoni tad-*data*

20 Id-Drittijiet tat-Tfal

23 Aċċess għall-ġustizzja

25 Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

Il-manuskritt tlesta f'April 2022.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas xi persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9461-828-3 | ISSN 2467-2580 | doi:10.2811/447485 | TK-AM-22-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9461-804-7 | ISSN 2467-2815 | doi:10.2811/639807 | TK-AM-22-001-MT-N |

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, irid jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Krediti għar-ritratti:
Qoxra: © BGStock72/Adobe Stock; myboys.me/Adobe Stock; Lazyllama/Adobe Stock
Paġna 1: © Rob/Adobe Stock
Paġna 2: © BGStock72/Adobe Stock
Paġna 2: © RioPatuca Images/Adobe Stock
Paġna 3: © FRA
Paġna 3: © Alexlmx/Adobe Stock
Paġna 4: © Bluedesign/Adobe Stock
Paġna 6: © Aleksander Kalka/NurPhoto/Getty Images
Paġna 7: © Mangostar/Adobe Stock
Paġna 8: © Ananass/Abobe Stock
Paġna 9: © myboys.me/Adobe Stock
Paġna 9: © dusanpetkovic1/Abobe Stock
Paġna 10: © Ton Koene/Alamy Stock Photo
Paġna 11: © Fizkes/Adobe Stock
Paġna 12: © Birute/iStock
Paġna 13: © FRA
Paġna 14: © Philippe Huguen/AFP/Getty Images
Paġna 15: © Jacopo/Adobe Stock
Paġna 15: © BalkansCat/iStock
Paġna 16: © Elmar Gubisch/Adobe Stock
Paġna 16: © Henry-Martin Klemt/Adobe Stock
Paġna 17: © Jirsak/Adobe Stock
Paġna 17: © Gorodenkoff/Adobe Stock
Paġna 18: © Vitalii Vodolazsky/Adobe Stock
Paġna 19: © Michael Traitov/Adobe Stock
Paġna 20: © New Africa/Adobe Stock
Paġna 20: © Ralf Geithe/Adobe Stock
Paġna 21: © Jenny Matthews/Getty Images
Paġna 22: © Emin Ozkan/Adobe Stock
Paġna 23: © Jirsak/AdobeStock
Paġna 24: © AJ_stock_photos/Adobe Stock
Paġna 24: © Corgarashu/Adobe Stock
Paġna 25: © Chansom Pantip/Adobe Stock
Paġna 26: © Jenny Sturm/Abobe Stock
Paġna 27: © Seventyfour/Adobe Stock
Paġna 28: © Nathaphat Nampix/Adobe Stock

1 [ENFASI]

# ID-DRITTIJIET SOĊJALI U L-UGWALJANZA FID-DAWL TAL-IRKUPRU MILL-PANDEMIJA TAL-COVID-19



***Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat it-tgawdija tan-nies tad-drittijiet soċjali tagħhom, għalkemm mhux fl-istess grad. Partijiet kbar tal-popolazzjoni fl-UE ffaċċjaw mortalità eċċessiva, riskju akbar ta' faqar, restrizzjonijiet fuq l-impjieg, nuqqas ta' aċċess għall-infrastruttura diġitali, aċċess imnaqqas għall-kura tas-saħħa, il-kura tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni fis-soċjetà u tensjonijiet fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tagħhom.***

***L-UE wieġbet b'azzjoni rapida mill-Kummissjoni Ewropea u minn diversi aġenziji, inkluż iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, li jipprovdi analiżi dettaljata ta' kull ġimgħa tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li tivvaluta t-trattamenti u l-vaċċini tal-COVID-19. Barra minn hekk, biex jiġi indirizzat l-impatt soċjali tal-pandemija, saru disponibbli EUR 723.8 biljun għall-Istati Membri, permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri ppreżentaw aktar minn 850 miżura biex itejbu r-realizzazzjoni tad-drittijiet soċjali fl-irkupru mill-pandemija.***

***L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jeħtieġ li tiġi mmonitorjata b'mod sistematiku għall-konformità mad-drittijiet fundamentali biex jiġi żgurat li jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti, u li jirrispettaw id-drittijiet tan-nies. Madankollu, l-Istati Membri ġeneralment ma jinvolvux korpi statutorji b'mandat tad-drittijiet tal-bniedem fil-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri adottati fil-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tagħhom għall-promozzjoni tad-drittijiet soċjali.***

L-impenn tal-UE għad-drittijiet soċjali huwa msejjes fuq l-ordni legali tal-Unjoni, kif juru l-Artikoli 4, 9 u 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-Titolu IV dwar is-solidarjetà tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Fl-2021, l-UE u l-Istati Membri tagħha wieġbu għall-pandemija tal-COVID-19 b'impenn imġedded għat-twettiq ta' "Ewropa Soċjali", kif wera s-Summit Soċjali ta' Porto u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (2021/241) jirrifletti l-impenji legali u politiċi tal-Unjoni, u jirrikjedi li l-Istati Membri jispjegaw kif il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ir-regolament jinkludi wkoll referenzi għad-drittijiet fundamentali, pereżempju fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza.

## L-OPINJONI 1.1 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromwovu d-drittijiet soċjali ta' nies f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà li kienu l-aktar affettwati mill-pandemija permezz tal-iżborż ta' fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mal-obbligi legali u l-impenji politiċi rilevanti kollha. L-Istati Membri tal-UE għandhom jaġġustaw il-miżuri ffinanzjati jekk jinstab li mhumiex effettivi biżżejjed biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet soċjali tan-nies.

L-UE għamlet EUR 723.8 biljun disponibbli għall-Istati Membri permezz tal-faċilità, inkluż biex tindirizza l-ħsara soċjali kkawżata mill-pandemija. Għalhekk, il-faċilità tirrappreżenta l-impenn tal-Unjoni li tibni Ewropa aktar ġusta, inklużiva u soċjali. Dan ippermetta lill-Istati Membri jressqu aktar minn 850 miżura li jwasslu għat-trawwim tal-koeżjoni soċjali u territorjali, u jista' jikkontribwixxi għat-twettiq tad-drittijiet soċjali. Dawn il-miżuri jindirizzaw għadd ta' vulnerabbiltajiet soċjali fost



varjetà ta' gruppi ta' popolazzjoni fl-UE, inklużi n-nisa, it-tfal u ż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà; il-persuni b'diżabilità; il-persuni anzjani; ir-Rom; u n-nies f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri inkludew miżuri fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni, l-opportunitajiet ta' impjieg u l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol. Xi wħud minnhom jindirizzaw speċifikament it-tfal u ż-żgħażagħ. Miżuri oħra huma relatati mar-riforma tas-sigurtà soċjali u tas-sistemi soċjali, filwaqt li oħrajn huma relatati mat-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul.

## L-OPINJONI 1.2 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li l-ebda fond mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jintuża b'mod li jkun inkompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jew mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-faċilità. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma mħeġġa jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet sistematiċi u sinifikanti mal-korpi tagħhom dwar id-drittijiet statutorji tal-bniedem u l-ugwaljanza f'dan il-proċess. Dan jista' jinkludi li jfittxu l-parir tagħhom dwar l-istabbiliment ta' sistemi biex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-obbligi li jirriżultaw mis-CRPD. L-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkunsidraw ukoll li jinvolvu korpi statutorji tad-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet fundamentali tal-miżuri ta' rkupru.

Il-fondi pubbliċi, inklużi l-fondi tal-UE, għandhom rwol ewlieni biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet soċjali, huma protetti. Dan huwa partikolarment il-każ fejn l-awtoritajiet rilevanti jiżguraw li ma jiffinanzjawx attivitajiet li mhumiex kompatibbli mad-drittijiet fundamentali. Dan jirrikjedi monitoraġġ effettiv tal-użu tal-fondi, fil-prattika.

Ir-regolament li jistabbilixxi l-faċilità jipprevedi li l-Istati Membri jirrapportaw darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li sar fil-ksib tal-pjanijiet tagħhom ta' rkupru u reżiljenza (l-Artikolu 27). Madankollu, ir-regolament ma fihx salvagwardji għall-monitoraġġ tal-konformità tad-drittijiet fundamentali tan-nefqiet, komparabbli ma' dawk tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, kemm fir-rigward tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' monitoraġġ kif ukoll l-involviment ta' korpi nazzjonali statutorji b'mandat tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ugwaljanza f'tali mekkaniżmi.

Xi Stati Membri ressqu miżuri fil-pjanijiet tagħhom li jistgħu jqajmu tħassib dwar il-kompatibbiltà mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jew mas-CRPD. Pereżempju, l-użu ta' fondi ta' faċilità għar-rinnovazzjoni jew għall-bini ta' istituzzjonijiet għal nies b'diżabilità jista' ma jikkonformax mal-Artikolu 19 tas-CRPD dwar l-għajxien b'mod indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità.



# 2

# IMPLIMENTAZZJONI U UŻU TAL-KARTA FIL-LIVELL NAZZJONALI

***Il-Kunsill esprima l-impenn sħiħ tiegħu għall-"Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" tal-Kummissjoni Ewropea. L-istrateġija ta' 10 snin u l-konklużjonijiet tal-Kunsill għamlu enfasi kbira fuq l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali, filwaqt li enfasizzaw ir-rilevanza tal-atturi nazzjonali.***

***Fil-livell nazzjonali, il-qrati, il-parlamenti, il-gvernijiet u korpi oħra jkomplu jużaw il-Karta, li jsemmu s-sentenzi, il-valutazzjonijiet tal-impatt u d-dibattiti parlamentari, kif turi l-evidenza miġbura fl-2021. Hemm ftit eżempji ta' inizjattivi ta' politika li għandhom l-għan li jtejbu t-taħriġ dwar il-Karta. Madankollu, s'issa, il-korpi nazzjonali ma jidhrux li jimplimentaw l-istrateġija tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill permezz ta' ppjanar koordinat u fit-tul. Madankollu, il-ħatra ta' punti fokali nazzjonali tal-Karta tista' tindika li l-progress jista' jkun aktar evidenti fl-2022.***

Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

### Livell tal-UE

Fil-bidu ta' Marzu 2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta). Dawn il-konklużjonijiet għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal applikazzjoni aħjar tal-Karta fil-livell nazzjonali u b'hekk tittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri tal-UE. Il-Kunsill jappella għal aktar taħriġ, għal aktar sensibilizzazzjoni, għal regoli aħjar dwar it-tfassil tal-liġi, għal aktar skambju ta' esperjenzi u prattiki bl-applikazzjoni tal-Karta, għal kundizzjonijiet stretti tal-Karta għall-fondi tal-UE, għal aktar koordinazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-Karta, għal istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs) aktar b'saħħithom u għal aktar kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili.

L-istrateġija tal-Karta tal-Kummissjoni Ewropea wasslet ukoll għal reazzjonijiet mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dawn enfasizzaw l-importanza li jiġu involuti l-atturi tas-soċjetà reġjonali u ċiviċi, rispettivament. Il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-drittijiet kollha tal-Karta.

### L-OPINJONI 2.1 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jużaw id-dokumenti ta' politika rispettivi tagħhom adottati fl-2021 bħala parametri referenzjarji għall-isforzi futuri tagħhom biex jiżguraw li l-Karta tiġi applikata bis-sħiħ. Għal kwalunkwe rieżami tal-implimentazzjoni ta' dawn id-dokumenti ta' politika teħtieġ li tinġabar b'mod regolari d-*data*, l-informazzjoni u l-esperjenzi tal-atturi nazzjonali u lokali rilevanti.

Pereżempju, il-Kunsill jista' juża l-oqsma ewlenin identifikati fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2021 relatati mal-Karta bħala qafas ta' referenza meta jikkummenta fil-futur dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fit-tħejjija ta' tali konklużjonijiet ta' segwitu annwali dwar il-Karta, il-Kunsill jista' jikkunsidra jorganizza skambju interattiv u bbażat fuq l-evidenza fil-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill biex irawwem it-tagħlim reċiproku, filwaqt li jinvolvi wkoll il-punti fokali nazzjonali tal-Karta.

L-aġenziji u l-korpi tal-UE jistgħu jikkunsidraw li jsegwu l-eżempju tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u jivvalutaw b'mod regolari kif jistgħu jiżviluppaw aktar il-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-Karta.



Il-ġbir regolari ta' prattiki promettenti fl-applikazzjoni tal-Karta beda bil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika li ngħata dehra ġdida, li pprovdiet il-Kummissjoni Ewropea. Id-disa' aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni wettqu t-tieni skambju annwali tal-Karta, u ddiskutew diversi miżuri introdotti biex jiżguraw u jippromwovu l-applikazzjoni tal-Karta fil-mandati rispettivi tagħhom.

Dawn id-dokumenti u l-iżviluppi tal-2021 fil-livell tal-UE kollha huma bażi tajba għal aktar żvilupp.

## L-OPINJONI 2.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma stabbilewx punti fokali tal-Karta, kif mistiedna skont l-istrateġija tal-Karta, għandhom jagħmlu dan malajr sabiex irawmu implimentazzjoni koordinata u effettiva tal-istrateġija tal-Karta.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Karta tal-Kummissjoni Ewropea u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea permezz ta' proċess strutturat ibbażat fuq miri, stadji importanti u skedi ta' żmien konkreti. Din tista' tieħu l-forma ta' pjan ta' azzjoni dedikat għall-Karta, jew li jsiru referenzi speċifiċi għall-Karta fil-pjanijiet jew fl-istrateġiji ta' azzjoni eżistenti.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw il-valutazzjoni tal-livell ta' għarfien espert tal-Karta li jipprovdu fit-taħriġ professjonali għal imħallfin, prosekuturi u professjonisti legali oħra futuri u prattikanti, sabiex jiżviluppaw miżuri li jindirizzaw nuqqasijiet possibbli f'dan ir-rigward, abbażi tal-għarfien espert eżistenti tal-istituzzjonijiet ta' taħriġ nazzjonali u internazzjonali u bl-użu tal-għodod disponibbli fil-livell internazzjonali, pereżempju dawk żviluppati mill-FRA.

### Livell nazzjonali

Saret ħafna enfasi fuq is-saff nazzjonali ta' governanza fl-2021, kif juru l-konklużjonijiet tal-Kunsill. Din ix-xejra tibni fuq l-istrateġija tal-Karta tal-2020, li fiha l-Kummissjoni Ewropea stiednet lill-Istati Membri jieħdu passi konkreti, pereżempju biex jistabbilixxu punti fokali fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, biex jadattaw proċeduri li jikkonċernaw il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-iskrutinju legali, biex jiġi żgurat li l-kumitati b'għarfien espert suffiċjenti tal-Karta jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-fondi tal-UE, jew biex jistabbilixxu jew isaħħu l-NHRIs. Stiednet ukoll lill-Istati Membri biex jespandu miżuri ta' politika relatati mal-Karta fil-qasam tat-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni, jew il-promozzjoni ta' ambjent ta' appoġġ u sikur għall-OSĊ u għad-difensuri tad-drittijiet.

It-twettiq ta' dawn id-dimensjonijiet kollha jirrikjedi bidla fil-kultura tad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali. Il-prattika tad-drittijiet fundamentali tibqa' ffukata fuq il-liġi kostituzzjonali nazzjonali u l-KEDB, kif turi evidenza minn kawżi tal-qorti, iżda wkoll mir-raġunament dwar id-drittijiet fundamentali applikat fil-kuntest tat-tfassil tal-liġi. Dan jindika li l-valur miżjud tal-Karta għadu mhux qed jintuża biżżejjed u li l-interazzjoni bejn il-Karta u l-liġi nazzjonali u l-Karta u l-KEDB għadhom mhumiex biżżejjed parti mill-kurrikuli ta' taħriġ standard.



Flimkien ma' dan, hemm biss ftit sforzi viżibbli fil-livell nazzjonali biex tiġi implimentata l-istrateġija tal-Karta fi proċess strutturat b'miri, stadji importanti u skedi ta' żmien konkreti. L-istabbiliment ta' punti fokali tal-Karta huwa l-ewwel pass importanti f'din id-direzzjoni, peress li dawn jistgħu jiggwidaw jew jassistu l-proċess tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Karta. Madankollu, s'issa nofs l-Istati Membri biss ħatru l-punti fokali tal-Karta tagħhom.

### Livell lokali

Fir-rigward tal-livell lokali ta' governanza, ta' min ifakkar li l-Karta "tapplika għall-korpi reġjonali u lokali, u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, meta dawn jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni" (ara Spjegazzjonijiet, l-Artikolu 51, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 303/17 – 14.12.2007). Il-gvernijiet għandhom jikkondividu l-esperjenza u l-prattika tagħhom biex jippermettu tagħlim reċiproku.

Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea fetħet taqsima fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fejn l-Istati Membri jistgħu jikkondividu l-aħjar prattiki fl-użu u fis-sensibilizzazzjoni tal-Karta, inkluż fil-livell lokali. S'issa, madankollu, dawn ma tantx għadhom użaw il-portal għal dan il-għan.

L-istrateġija tal-Karta tal-Kummissjoni Ewropea tuża t-terminu "lokali" 17il darba. Mhux biss titlob li jkun hemm kondiviżjoni tal-aħjar prattiki tal-Karta fil-livell lokali u li jiġi promoss ambjent ta' appoġġ u sikur għall-OSĊ u għad-difensuri tad-drittijiet fil-livell lokali, iżda tesiġi wkoll li l-Istati Membri jipprovdu gwida suffiċjenti fil-livell lokali sabiex l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jikkonformaw mad-dmirijiet tagħhom skont il-Karta. L-istrateġija tindika wkoll il-potenzjal tal-korpi lokali biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nies u dwar x'jistgħu jagħmlu n-nies jekk jinkisrulhom drittijiethom.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Marzu 2021 jissottolinjaw ukoll ir-rwol tal-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, inklużi l-ħaddiema taċ-ċivil, "fl-integrazzjoni tal-Karta u fl-iżgurar tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fit-tfassil tal-politika, u fit-trawwim ta' kultura tad-drittijiet fundamentali fil-livelli kollha tal-eżekuttiv".

Madankollu, l-amministrazzjonijiet lokali mhumiex konxji ħafna tal-Karta, skont l-analiżi tal-FRA tad-*data* mill-konsultazzjonijiet li wettqet il-Kummissjoni Ewropea waqt it-tħejjija tal-istrateġija tal-Karta. Il-potenzjal tal-livell lokali għal protezzjoni u promozzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali huwa mingħajr ebda dubju. Pereżempju, fl-2021 l-FRA pproponiet qafas li għandu l-għan li jħeġġeġ lil aktar bliet fl-UE jsiru bliet tad-drittijiet tal-bniedem, u li jgħin fl-iżvilupp ta' kultura lokali tad-drittijiet.

## L-OPINJONI 2.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiddiskutu l-istrateġija l-ġdida tal-Karta mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u jesploraw kif jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-Karta.

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiżguraw li l-istrumenti, il-proċeduri u l-politiki tagħhom jirreferu għall-Karta. Il-prattiki eżistenti tal-Karta għandhom jiġu kkomunikati lill-punti fokali nazzjonali l-ġodda tal-Karta, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jikkondividu prattiki u esperjenzi bħal dawn ma' Stati Membri oħrajn, pereżempju permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

Il-bliet jistgħu jikkunsidraw li jsiru "bliet għad-drittijiet tal-bniedem", u b'hekk isaħħu l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-ħidma, fil-programmi u fl-attivitajiet tagħhom. Il-qafas għat-tisħiħ tad-drittijiet lokalment kif propost mill-FRA jista' jkun utli f'dan ir-rigward.

Il-Kumitat tar-Reġjuni jista' jikkunsidra li jipprovdi b'mod regolari forum għall-iskambju ta' esperjenzi relatati mal-Karta u prattiki promettenti.

3

# UGWALJANZA U NONDISKRIMINAZZJONI




***Il-21 anniversarju tad-direttivi tal-UE dwar l-ugwaljanza kien fl-2021. Dan wassal għal rendikont tal-kisbiet u tal-opportunitajiet mitlufa, u għal valutazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, iżda l-aktar importanti għal riflessjonijiet dwar il-passi li jmiss li għandhom jittieħdu. Din is-sena, il-kapitolu jiffoka fuq id-diskriminazzjoni kontra n-nies LGBTIQ u d-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE abbażi tan-nazzjonalità tagħhom.***

***Il-ksur tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ f'xi Stati Membri, kif ukoll żieda f'inċidenti relatati ta' reati ta' mibegħda u ta' diskors ta' mibegħda – li jistgħu jirriflettu żieda attwali fl-inċidenti kif ukoll żieda fir-rieda li jiġu rrapportati – wasslu għar-reazzjoni ta' diversi istituzzjonijiet internazzjonali. B'mod parallel, kien hemm rikonoxximent dejjem akbar tad-drittijiet tal-familja għal koppji tal-istess sess u ġenituri omosesswali fil-ġurisprudenza internazzjonali u nazzjonali.***

***Hemm xi evidenza li ċ-ċittadini tal-UE jesperjenzaw diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità f'diversi oqsma tal-ħajja, iżda d-data ftit li xejn tinġabar dwar dan is-suġġett.***

***Fl-2021, uħud mill-miżuri biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) affettwaw lin-nies LGBTIQ b'mod negattiv, filwaqt li ċ-ċittadini tal-UE ffaċċjaw xi problemi meta qasmu l-fruntieri tal-UE, u meta rċevew jew irreġistraw it-tilqim tagħhom.***

## L-OPINJONI 3.1 TAL-FRA

Fir-rigward tal-inizjattiva leġiżlattiva ppjanata dwar ir-rikonoxximent tal-paternità u l-miżuri relatati, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi lill-Istati Membri bil-qafas rilevanti u bi gwida ulterjuri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tal-paternità għal koppji tal-istess sess.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jimplimentaw il-miżuri inklużi fl-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ billi jiżviluppaw pjanijiet u strateġiji ta' azzjoni nazzjonali, u billi jsaħħu l-protezzjoni legali għan-nies LGBTIQ kontra l-vjolenza u d-diskors ta' mibegħda.

Din is-sena, il-kapitolu jiffoka fuq id-diskriminazzjoni kontra n-nies LGBTIQ u d-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE abbażi tan-nazzjonalità tagħhom.

Fl-2021 kien hemm rikonoxximent dejjem akbar tad-drittijiet tal-familja ta' koppji tal-istess sess u ta' ġenituri omosesswali fil-ġurisprudenza u fil-leġiżlazzjoni internazzjonali u nazzjonali. Madankollu, ir-rikonoxximent reċiproku tat-trobbija tat-tfal minn ġenituri tal-istess sess bejn l-Istati Membri għadu diffiċli fid-dawl tad-diskrepanzi bejn il-pajjiżi tal-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent legali ta' koppji tal-istess sess u d-drittijiet tal-familja tagħhom (fir-rigward tal-adozzjoni, il-maternità surrogata jew ir-riproduzzjoni assistita). Dan joħloq inċertezza legali u jinterferixxi mhux biss mad-dritt għall-moviment liberu iżda wkoll mad-dritt għall-ħajja tal-familja, meta r-rikonoxximent tar-rabtiet familjari bejn il-ġenituri u t-tfal, stabbilit legalment f'pajjiż ieħor, jiġi miċħud.

Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet li d-differenzi fir-regoli tal-Istati Membri dwar il-paternità, u n-nuqqas ta' regoli tal-UE dwar il-kunflitt f'dan ir-rigward, jistgħu jikkawżaw diffikultajiet lill-familji biex jaqsmu l-fruntieri ġewwa l-UE. Hija tikkunsidra inizjattiva leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent transfruntier tal-paternità bejn l-Istati Membri tal-UE. Il-proposta tistabbilixxi regoli komuni dwar il-kunflitt tal-liġijiet u dispożizzjonijiet komuni dwar ir-rikonoxximent ta' sentenzi dwar il-paternità. Filwaqt li l-liġi sostantiva dwar il-paternità taqa' taħt il-kompetenza tal-liġi tal-Istati Membri, l-UE tista' tadotta miżuri dwar il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera skont l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ir-rikonoxximent transfruntier tal-paternità huwa partikolarment diffiċli għall-ġenituri tal-istess sess, minħabba d-differenzi fl-oqfsa legali tal-Istati Membri. Dan jinterferixxi mad-dritt tar-rispett għall-ħajja tal-familja u d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal derivati miċ-ċittadinanza tal-UE.

Il-QĠUE rrikonoxxiet ir-rabtiet familjari bejn il-ġenituri tal-istess sess u t-tfal tagħhom f'*V.M.A. vs Stolichna obshtina*. Din fakkret li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw biss mill-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu jekk ma jiksrux id-drittijiet fundamentali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (il-Karta). Il-qorti kkonkludiet li jkun kuntrarju għall-Artikoli 7 (id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja) u 24 (id-drittijiet tat-tfal) tal-Karta jekk it-tfal jiġu mċaħħda mir-relazzjoni tagħhom ma' wieħed mill-ġenituri tagħhom meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu, jew jekk l-eżerċitar tagħhom ta' dak id-dritt kien impossibbli jew diffiċli żżejjed fil-prattika minħabba li l-ġenituri tagħhom huma tal-istess sess. Il-qorti enfasizzat li l-obbligu li tiġi rikonoxxuta r-relazzjoni bejn il-ġenitur u t-tfal fil-kuntest tal-moviment liberu ma jimminax l-identità u l-kompetenzi nazzjonali.

Barra minn hekk, miżuri biex tiġi kkontrollata l-pandemija, inklużi l-lockdowns u r-restrizzjonijiet fuq id-dħul għall-Istati Membri, affettwaw b'mod sproporzjonat lis-sħab u lit-tfal ta' nies LGBTIQ, kif ukoll iż-żgħażagħ LGBTIQ f'diversi Stati Membri. Dawn wasslu għal żidiet fil-vjolenza domestika, fid-diskors ta' mibegħda u fir-reati ta' mibegħda, u għal aċċess limitat għall-assistenza psikoloġika u għall-kura tas-saħħa.

F'dan il-kuntest, l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ tal-UE jkollha sinifikat. Din tistabbilixxi azzjonijiet immirati madwar erba' pilastri ewlenin: l-indirizzar tad-diskriminazzjoni, l-iżgurar tas-sikurezza, il-bini ta' soċjetajiet inklużivi u t-tmexxija tas-sejħa għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Kif ħabbret l-istrateġija, fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet sottogrupp tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ taħt il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità biex tappoġġja u timmonitorja l-progress fl-Istati Membri dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ, inkluż l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

Diversi Stati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali mmirati lejn il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni b'mod ġenerali, li kienu jinkludu d-drittijiet tal-LGBTIQ. Oħrajn żviluppaw pjanijiet ta' azzjoni mmirati speċifikament lejn l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni, li l-Lista ta' Azzjonijiet tal-2015–2019 għall-Avvanz tal-Ugwaljanza tal-LGBTI diġà rrakkomandat, huma meħtieġa biex jiġu rikonoxxuti l-ħtiġijiet partikolari tal-persuni LGBTIQ għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom u biex jiġu introdotti miżuri speċifiċi.



## L-OPINJONI 3.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-ebda leġiżlazzjoni u prattika amministrattiva ma jwasslu għal diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE, u f'ċerti kuntesti l-membri tal-familja tagħhom, abbażi tan-nazzjonalità, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Il-ġbir regolari tad-*data* u tal-esperjenzi se jipprovdi kontribut utli f'dan ir-rigward.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha ssaħħaħ l-assistenza pprovduta lill-Istati Membri għall-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE minħabba nazzjonalità.

Id-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE fuq il-bażi tan-nazzjonalità tista' toħloq ostakli għall-moviment liberu anki jekk ma tkunx relatata direttament mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-moviment liberu.

Kemm l-Artikolu 18 tat-TFUE kif ukoll l-Artikolu 21(2) tal-Karta jipprevedu li, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE, kull diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità għandha tkun ipprojbita. Din il-projbizzjoni għandha effett dirett, orizzontali u vertikali. Dan ifisser li taħt ċerti kundizzjonijiet, l-individwi jistgħu jinvokawha kemm kontra entitajiet privati kif ukoll kontra l-awtorità tal-Istat.

L-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE) jikkonferma l-impenn fundamentali għall-prinċipju ta' trattament ugwali taċ-ċittadini tal-UE, espress fit-Trattati: "iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jgħixu skond din id-Direttiva fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għandhom igawdu trattament ugwali bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru fl-iskop tat-Trattat. Il-benefiċċju ta' dan id-dritt għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru u li għandhom id-dritt ta' residenza jew għandhom residenza permanenti." L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Infurzar dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (2014/54/UE) jobbliga lill-Istati Membri jaħtru korpi għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tat-trattament ugwali tal-ħaddiema tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità iżda wkoll mingħajr ebda restrizzjoni jew ostaklu mhux ġustifikati għad-dritt tagħhom għall-moviment liberu.

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità f'diversi oqsma, inklużi t-tassazzjoni, id-dritt li jeżerċitaw professjoni, u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, inklużi s-servizzi tas-saħħa jew il-benefiċċji soċjali, skont evidenza mir-riċerka tal-FRA fl-2021. Matul il-pandemija tal-COVID-19, ċerti miżuri, inkluż l-użu ta' pjanijiet ta' tilqim jew restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, kellhom effetti negattivi fuq iċ-ċittadini tal-UE minn Stati Membri oħra. Filwaqt li d-diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità ma tidhirx li hija mifruxa meta mqabbla ma' raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, ma hemmx biżżejjed *data* dwarha. Lanqas ma hemm sensibilizzazzjoni adegwata dwar meta sseħħ tali diskriminazzjoni, għalkemm iċ-ċittadinanza tal-UE hija waħda mill-pilastri tal-integrazzjoni tal-UE, kif enfasizzat il-QĠUE f'diversi okkażjonijiet u kif jenfasizzaw ir-rapporti ta' kull tliet snin tal-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza.



# 4

# IR-RAZZIŻMU, IL-KSENOFOBIJA U L-INTOLLERANZA RELATATA

*Ir-reati ta' mibegħda razzisti u d-diskors ta' mibegħda ppersistew madwar l-UE fl-2021. Il-migranti u l-minoranzi etniċi, inklużi r-Rom, il-Lhud, il-Musulmani u l-Asjatiċi, komplew jingħataw it-tort għall-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19).*

*Il-Kummissjoni Ewropea ħadet passi deċiżivi biex timplimenta d-dritt eżistenti tal-UE billi tat bidu għal proċeduri ta' ksur kontra 11il Stat Membru talli ma ttrasponewx bis-sħiħ u b'mod korrett id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fil-liġi nazzjonali. Hija talbet ukoll lill-Istati Membri jimplimentaw aħjar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.*

*B'riflessjoni tal-impenji madwar l-UE għall-ġlieda kontra r-razzizmu, l-Istati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razzizmu u komplew isaħħu l-miżuri biex jindirizzaw il-lakuni fid-data u jiżviluppaw strutturi u proċessi għar-rapportar effettiv ta' inċidenti razzisti.*




Id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2008/913/ĠAI) tistabbilixxi approċċ tad-dritt kriminali komuni għal ċerti forom ta' razziżmu u ta' ksenofobija li jsarrfu f'diskors ta' mibegħda u f'reati ta' mibegħda. Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċeduri ta' ksur kontra 11il Stat Membru li ma kienx inkorpora b'mod sħiħ u korrett id-deċiżjoni qafas fil-liġi nazzjonali. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-qrati superjuri nazzjonali stabbilew limiti fuq l-użu tal-libertà tal-kelma sabiex jiġġustifikaw id-diskors ta' mibegħda u l-inċitament għall-mibegħda.

Ir-razziżmu kompla joħloq sfidi serji madwar l-UE fl-2021. Ir-reati ta' mibegħda razzisti u l-inċidenti ta' diskors ta' mibegħda ppersistew, kif juru rapporti uffiċjali u mhux uffiċjali. Barra minn hekk, il-korpi internazzjonali u nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem qajmu tħassib matul il-pandemija dwar ir-rata dejjem tikber ta' diskors ta' mibegħda online, u spiss mill-media jew mill-politiċi, immirati lejn il-migranti u l-minoranzi etniċi.

## L-OPINJONI 4.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jittrasponu u japplikaw b'mod sħiħ u korrett id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija. Dan jinkludi l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li motiv razzist jew ksenofobiku jiġi kkunsidrat bħala ċirkustanza aggravanti jew, inkella, li l-qrati jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni tali motiv meta jiddeterminaw il-pieni.



## L-OPINJONI 4.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu b'mod sinifikanti l-effettività tal-miżuri u l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom għall-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' ksur tal-obbligi kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Dan jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ostakli li jiffaċċjaw il-minoranzi etniċi u l-migranti meta jippruvaw jaċċessaw l-edukazzjoni, l-impjieg, il-prodotti u s-servizzi – inkluż l-akkomodazzjoni – u l-protezzjoni soċjali.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika jew ir-razza. Bl-istess mod, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika u ta' razza fl-aċċess għall-edukazzjoni; għall-impjiegi; għas-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni; u għall-protezzjoni soċjali, inkluża l-kura tas-saħħa. Kif juru r-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-korpi internazzjonali għall-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, 21 sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, għadd ta' Stati Membri għadhom ma implimentawx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Il-Kummissjoni kompliet bil-proċeduri ta' ksur kontra tliet Stati Membri li ddiskriminaw kontra tfal Rom fl-edukazzjoni. Fl-2021, sejbiet ta' stħarriġ u tal-ittestjar tad-diskriminazzjoni jiżvelaw li l-minoranzi etniċi, inklużi l-migranti, komplew jesperjenzaw id-diskriminazzjoni u r-razziżmu istituzzjonali f'oqsma differenti tal-ħajja. It-tfassil diskriminatorju tal-profil ibbażat fuq l-etniċità jippersisti fl-UE, hekk kif ir-rapporti tal-korpi ta' monitoraġġ jikkonfermaw.



## L-OPINJONI 4.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew strateġiji ddedikati għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, l-antisemitiżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. L-isforzi nazzjonali għandhom jiġu infurmati u ggwidati mill-prinċipji ta' gwida komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u jiggarantixxu l-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni ma' sħab u OSĊ rilevanti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiżviluppaw, jimplimentaw u jimmonitorjaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu, l-azzjonijiet kollha jiġu infurmati minn *data* affidabbli dwar l-ugwaljanza u jkunu bbażati fuqha.

Fl-2021, l-UE bdiet tistabbilixxi l-bażi għat-twettiq tal-impenji li saru fl-ewwel pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu. B'mod partikolari, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza adotta prinċipji gwida komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu.

L-iżviluppi nazzjonali jirfdu sforzi usa' tal-UE. Xi Stati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu għall-ewwel darba fl-2021. B'riflessjoni ta' kuntesti nazzjonali differenti, oħrajn inkludew miżuri kontra r-razziżmu f'politiki usa' kontra d-diskriminazzjoni, jew żviluppaw strateġiji li jindirizzaw forom u manifestazzjonijiet speċifiċi tar-razziżmu, bħal strateġiji kontra l-antisemitiżmu.

Minkejja xi żviluppi pożittivi li jindirizzaw id-diskrepanzi fid-*data* fil-livell nazzjonali, b'mod ġenerali hemm nuqqas ta' *data* dwar l-esperjenzi tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika madwar l-UE. Nuqqas ta' *data* affidabbli u komprensiva jxekkel it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-pjanijiet ta' azzjoni kontra r-razziżmu u jipprevjeni lill-UE u lill-Istati Membri milli jimmonitorjaw b'mod effettiv l-istat tal-ugwaljanza.



Is-sejbiet mid-*data* nazzjonali u tal-FRA kontinwament juru livelli sinifikanti ta' sottorapportar ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni u ta' vjolenza b'motivi ta' preġudizzju. Is-sottorapportar jimmina d-drittijiet tal-vittmi biex isibu appoġġ u protezzjoni, u jirriżulta f'nuqqas li jiġi żgurat aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd fuq bażi ugwali. Dan jikkomprometti l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u fl-ikkastigar tar-reati ta' mibegħda.

Fl-2021, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza adotta prinċipji gwida ewlenin dwar l-inkoraġġiment tar-rapportar ta' reati ta' mibegħda. Il-prinċipji huma ffukati fuq il-vittma u għandhom l-għan li jipprovdu qafas li jista' jiggwida l-isforzi nazzjonali lejn it-tneħħija tal-ostakli għar-rapportar, u l-istabbiliment ta' strutturi u proċessi abilitanti li jappoġġjaw ir-rapportar effettiv ta' reati ta' mibegħda. Għadd ta' Stati Membri rrapportaw sforzi dedikati lejn sistemi ta' rapportar effettivi bħal sensibilizzazzjoni mmirata lejn gruppi f'riskju ta' vittimizzazzjoni tar-reati ta' mibegħda; il-bini tal-kapaċitajiet fl-infurzar tal-liġi; u passi lejn kooperazzjoni msaħħa.

## L-OPINJONI 4.4 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mistiedna japplikaw il-prinċipji gwida ewlenin dwar l-inkoraġġiment tar-rapportar, li jistgħu jservu wkoll bħala qafas ta' evalwazzjoni għall-identifikazzjoni ta' azzjonijiet nazzjonali lejn it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċ iċċentrat fuq il-vittmi għar-rapportar ta' reati ta' mibegħda. L-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom fil-ħolqien ta' strutturi li jiffaċilitaw ir-rapportar, bħall-istabbiliment ta' servizzi ta' rapportar ta' partijiet terzi kif ukoll il-bini tal-kapaċità tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jidentifikaw u jirreġistraw reati potenzjali ta' mibegħda. Dawn għandhom itejbu wkoll il-kooperazzjoni mal-OSĊ u mal-organizzazzjonijiet tal-appoġġ għall-vittmi u jinvolvu ruħhom f'miżuri ta' sensibilizzazzjoni mfassla apposta biex jilħqu lil dawk f'riskju ta' vittimizzazzjoni tar-reati ta' mibegħda.

# 5

# UGWALJANZA U INKLUŻJONI TAR-ROM



*Fl-2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom. Din tappella lill-Istati Membri biex jadottaw oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom u biex jagħmlu kull sforz biex jilħqu l-objettivi u l-miri tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom sal-2030. L-UE u l-Istati Membri żviluppaw diversi inizjattivi biex jinvolvu lir-Rom u lit-Travellers fit-tħejjija tal-istrateġiji, u kkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-korpi tal-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.*

*L-UE integrat l-inklużjoni tar-Rom f'diversi fajls ta' politika u leġiżlattivi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma integrawx l-inklużjoni tar-Rom fl-istrateġiji u l-miżuri nazzjonali ewlenin tagħhom dwar oqsma ta' politika ewlenin, bħall-impjieg, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni.*

*Fl-2021, id-drittijiet fundamentali tar-Rom u tat-Travellers għadhom mhumiex rispettati bis-sħiħ. L-Anti-Żingariżmu, id-diskriminazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, għadhom jaffettwaw għadd sproporzjonat ta' Rom u ta' Travellers madwar l-UE. Il-miżuri biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) komplew jaggravaw dawn il-problemi.*

Fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, filwaqt li talab lill-Istati Membri jadottaw oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom sa Settembru 2021. Qabel tmiem l-2021, 11il Stat Membru biss ippreżentaw l-istrateġiji nazzjonali riveduti tagħhom.

L-UE tħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu lir-Rom u lit-Travellers fil-fajls politiċi u legali kollha li jitqiesu li jappoġġjaw u jipproteġu lill-gruppi vulnerabbli. Il-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom jistabbilixxi seba' objettivi u miri relatati li għandhom jintlaħqu sal-2030. Dan jiffoka fuq il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni u fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa tar-Rom, permezz ta' taħlita ta' politiki ġenerali u mmirati.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ppreżentaw l-istrateġiji tagħhom tard, u spiss mingħajr ma qiesu strateġiji preċedenti jew wettqu evalwazzjonijiet tal-istrateġiji preċedenti. Kien hemm aktar sforzi biex issir konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-korpi tal-ugwaljanza, iżda ftit hemm evidenza ta' parteċipazzjoni sinifikanti tar-Rom u t-Travellers fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji l-ġodda. 11il Stat Membru biss kienu stabbilew pjattaforma nazzjonali tar-Rom biex jinvolvu lis-soċjetà ċivili b'mod aktar effettiv fl-2021.

## L-OPINJONI 5.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tagħhom dwar ir-Rom. Dawn għandhom jinkludu miri konkreti u li jistgħu jitkejlu biex jiġu żgurati monitoraġġ u ġbir effiċjenti tad-*data*. L-Istati Membri jikkunsidraw prattiki promettenti f'pajjiżi oħra tal-UE u jagħmlu użu mill-gwida li pprovdiet l-FRA u l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Rom. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-bini tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Rom u sistematikament jistednuhom jipparteċipaw fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom.



## L-OPINJONI 5.2 TAL-FRA

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw miżuri biex jindirizzaw attitudnijiet diskriminatorji kontra r-Rom u t-Travellers fl-infurzar tal-liġi. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu taħriġ għall-professjonisti tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja, billi jużaw gwida żviluppata mill-FRA u inizjattivi ta' taħriġ mill-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi u l-FRA, kif ukoll l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u inizjattivi ta' taħriġ tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li każijiet ta' vjolenza mill-pulizija li jinvolvu r-Rom jiġu investigati malajr minn korpi indipendenti u għandhom jassistu lill-vittmi fir-rapportar ta' kwalunkwe kondotta ħażina tal-pulizija.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba l-oriġini etnika jew soċjali jew is-sħubija f'minoranza nazzjonali. Mill-2000, id-dritt tal-UE (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, 2000/43/KE) ippromwova t-trattament ugwali u pprojbixxa d-diskriminazzjoni diretta u indiretta.

Fir-rapport tagħha tal-2021 dwar id-drittijiet fundamentali, l-FRA talbet lill-Istati Membri tal-UE jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu u jeqirdu l-attitudnijiet diskriminatorji fost l-uffiċjali tal-pulizija. Din talbet ukoll lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi joħorġu gwida speċifika, prattika u lesta għall-użu biex jiġi indirizzat it-tfassil diskriminatorju tal-profil etniku mill-uffiċjali tal-pulizija. Din il-gwida għandha tiġi inkluża fi proċeduri operattivi standard u f'kodiċijiet ta' kondotta u għandha tiġi kkomunikata sistematikament lill-uffiċjali tal-ewwel linja.

Ir-riċerka tal-FRA ppubblikata fl-2021 turi li t-tfassil ta' profili etniċi jew razzjali mill-pulizija kontra nies perċepiti bħala Rom jew Travellers għadu mifrux, u l-esperjenzi negattivi tal-pulizija jimminaw il-fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi. Fl-2021, ġew irrapportati żewġ inċidenti letali li involvew irġiel Rom u lill-awtoritajiet tal-pulizija f'żewġ Stati Membri. Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jitlob lill-Istati Membri jippubblikaw *data* dwar l-ilmenti li jirċievu l-pulizija, l-ispettorati u l-ġudikatura.



# 6

# AŻIL, VIŻI, MIGRAZZJONI, FRUNTIERI U INTEGRAZZJONI

***Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni baqa' wieħed mill-akbar sfidi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE. Komplew l-allegazzjonijiet ta' push-backs u vjolenza fil-fruntiera. Kien hemm ukoll imwiet fuq il-baħar u fuq l-art, u dewmien biex jinstab port sikur għall-migranti salvati fuq il-baħar. Id-detenzjoni relatata mal-ażil u mar-ritorn ippersistiet, inkluż bħala parti minn politiki msaħħa ta' konteniment fil-fruntieri.***

***L-UE ħadmet fuq l-operazzjonalizzazzjoni ta' sistemi ġodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira li jinkludu salvagwardji tad-drittijiet fundamentali li huma mistennija li jiġu implimentati b'mod effettiv.***



L-Artikolu 78(1) tat-TFUE u l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) jipprojbixxu r-*refoulement* – jiġifieri r-ritorn ta' individwu għal riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju – u t-tkeċċijiet kollettivi. L-Artikolu 4 tal-Karta jipprojbixxi t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin. Dan huwa obbligu assolut, li ma jippermettix eċċezzjonijiet jew derogi.

Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri baqa' sfida kbira fl-UE fl-2021, b'diversi rapporti ta' allegati push-backs u vjolenza mill-pulizija. Sadanittant, 3 402 persuni mietu fil-fruntieri tal-baħar u tal-art filwaqt li kienu qed jippruvaw jilħqu l-UE, u d-dgħajjes tas-salvataġġ umanitarju ffaċċjaw theddid u diffikultajiet biex isibu port sikur. Il-migranti u r-refuġjati salvati tħallew jistennew fuq il-baħar għal jiem jew aktar, li poġġa s-sikurezza u l-integrità fiżika tagħhom f'riskju.

## L-OPINJONI 6.1 TAL-FRA

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu mekkaniżmi nazzjonali effettivi u indipendenti ta' monitoraġġ tal-fruntieri, flimkien ma' mekkaniżmi disponibbli għall-ilmenti, indipendentement mill-eżitu tan-negozjati dwar ir-regoli proposti tal-UE skont il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-allegazzjonijiet ta' push-backs u ta' trattament ħażin jiġu investigati mill-awtoritajiet kompetenti minnufih u b'mod effettiv.





## L-OPINJONI 6.2 TAL-FRA

L-Istati Membri għandhom f'kull każ individwali jivvalutaw il-possibbiltà li jużaw alternattivi għad-detenzjoni. Meta jirrikorru għad-detenzjoni bħala miżura tal-aħħar istanza, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrispettaw is-salvagwardji kollha meħtieġa mill-Karta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għal dawk miżmuma sakemm jiġu rritornati, l-aċċess għal għajnuna legali bla ħlas għandu jsir disponibbli fil-prattika biex in-nies fi proċedimenti ta' ritorn ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta u biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja b'mod ġenerali.

Filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Karta, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza riveduta (2013/337/UE), l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE) u l-Artikolu 28(2) tar-Regolament ta' Dublin jirrikjedu li l-Istati Membri jeżaminaw f'kull każ individwali l-vijabbiltà ta' miżuri inqas koerċittivi mid-detenzjoni, fil-prattika, alternattivi għad-detenzjoni rari jintużaw minħabba l-biża' ta' ħarba.

Is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tad-detenzjoni komplew jiġu mminati fl-2021 permezz ta' perjodi twal ta' detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni inadegwati, allegat trattament ħażin mill-gwardji, nuqqas ta' valutazzjoni individwali tan-neċessità u l-proporzjonalità taċ-ċaħda tal-libertà, u nuqqas ta' separazzjoni ta' nies vulnerabbli. Barra minn hekk, xi Stati Membri jirrestrinġu l-aċċess għal għajnuna legali bla ħlas.



## L-OPINJONI 6.3 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri għandhom jintensifikaw l-isforzi biex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u r-rimedji disponibbli għall-persuni li d-*data* tagħhom tinħażen fil-bażijiet tad-*data* tas-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira tal-UE, flimkien mal-istabbiliment ta' mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal kollu involut jirċievi taħriġ obbligatorju dwar id-drittijiet fundamentali.

L-Artikolu 8(2) tal-Karta, kif ukoll il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, jipprevedu d-dritt ta' aċċess, korrezzjoni u tħassir tad-*data* maħżuna proprja. Ir-regolamenti li jistabbilixxu bażijiet tad-*data* interoperabbli fuq skala kbira tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jiggarantixxu dan id-dritt bl-istess mod. L-operat u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira tal-UE, li jiġbru firxa ta' *data* personali, għandhom implikazzjonijiet importanti fuq id-drittijiet fundamentali, kif innotat l-FRA fir-riċerka tal-passat tagħha.

It-taħriġ għal persunal awtorizzat huwa obbligu legali fl-ambitu tal-biċċa l-kbira tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-interoperabbiltà tagħhom. Fil-livell tal-UE, is-CEPOL, l-eu-LISA u l-Frontex organizzaw attivitajiet ta' taħriġ fl-2021 biex jagħtu spinta lill-għarfien tal-awtoritajiet kompetenti dwar l-aspetti u l-implikazzjonijiet tekniċi u kummerċjali tal-użu tas-sistemi. L-FRA tikkontribwixxi għal taħriġ bħal dan b'kontribut għad-drittijiet fundamentali.

# 7

# SOĊJETÀ TAL-INFORMATIKA, PRIVATEZZA U PROTEZZJONI TAD-*DATA*

*Fl-2021, l-inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika li jindirizzaw teknoloġija ġdida ffukaw fuq il-ġestjoni tar-riskji li ħolqot id-diġitalizzazzjoni akbar ta' kull aspett tal-ħajja. Il-fajls ewlenin relatati mal-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-moderazzjoni tal-kontenut online kienu fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mal-ġestjoni tal-pandemija ttestjaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data fil-prattika; l-istess għamel l-iżvilupp ta' miżuri relatati mas-sigurtà.*



*L-abbozz tar-regolament dwar l-IA ppubblikat f'April 2021 ipprovda l-ewwel tentattiv biex tiġi rregolata l-industrija tal-IA filwaqt li jiġu introdotti salvagwardji tad-drittijiet fundamentali. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kienu qed jaħdmu lejn ftehim dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-limiti tal-użu aċċettabbli tal-IA. B'mod parallel, id-drittijiet għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza kellhom jiġu affermati mill-ġdid b'mod kostanti fir-rigward ta' miżuri maħsuba biex jipproteġu lill-individwi, kemm fir-rigward tal-pandemija kif ukoll kontra attivitajiet kriminali. Dan segwa xejra li r-rapporti dwar id-drittijiet fundamentali tal-FRA identifikaw kull sena mill-2014.*

Fl-2021, l-esperti u s-soċjetà ċivili, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, ikkummentaw b'mod estensiv dwar l-inklużjoni ta' salvagwardji adegwati għad-drittijiet fundamentali fl-abbozz tal-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA). Din tkompli tgħaddi minn diversi iterazzjonijiet li jindirizzaw b'mod varjat it-tħassib differenti dwar id-drittijiet fundamentali. L-abbozz ta' proposta fih referenzi għad-drittijiet fundamentali inkoraġġanti, iżda l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS), l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u l-akkademiċi, fost l-oħrajn, identifikaw tħassib komuni. Eżempji jinkludu l-kategorija ta' applikazzjonijiet projbiti għall-IA u l-ħtieġa potenzjali li jiġu inklużi sistemi addizzjonali għall-IA, bħall-għoti



## L-OPINJONI 7.1 TAL-FRA

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jiżgura li l-Att futur dwar l-IA jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali billi jqis, kif xieraq, in-nuqqasijiet identifikati mill-EDPB/EDPS, mis-soċjetà ċivili u oħrajn. B'mod partikolari, il-leġiżlatur tal-UE għandu jiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tal-każijiet tal-użu fil-kategoriji differenti ta' riskju jkun ċar u li jiġu offruti gwida u protezzjoni suffiċjenti – fir-rigward tal-konformità mad-drittijiet fundamentali – fir-rigward ta' kuntesti prattiċi diversi. Id-dipendenza fuq l-awtovalutazzjoni, għalkemm hija l-ewwel pass mixtieq, għandha tkun sostnuta b'sorveljanza effettiva minn korpi indipendenti li għandhom riżorsi suffiċjenti u li għandhom l-għarfien espert meħtieġ dwar id-drittijiet fundamentali.

## L-OPINJONI 7.2 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi diġitali għandhom jiżguraw li kemm it-tneħħija żejda kif ukoll it-tneħħija insuffiċjenti tal-kontenut jiġu evitati u li l-prattiki ta' moderazzjoni ma jkunux sproporzjonati, sabiex ma jfixklux id-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-informazzjoni u n-nondiskriminazzjoni. Fid-dawl tal-importanza ta' sorveljanza bbażata fuq l-evidenza għal moderazzjoni effettiva u konformi mad-drittijiet fundamentali tal-kontenut online, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas legali rilevanti jippermetti lill-esperti akkademiċi u tas-soċjetà ċivili jaċċessaw legalment id-*data* u jwettqu riċerka.

ta' punteġġ soċjali privat; id-dipendenza għolja fuq l-awtovalutazzjoni tal-kumpaniji ta' każijiet ta' użu ta' IA ta' riskju għoli; u l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' sorveljanza u l-korpi inkarigati minn din il-ħidma.

Il-proliferazzjoni ta' kontenut illegali online, inkluż diskors ta' mibegħda, huwa theddida għad-drittijiet fundamentali. F'dan il-kuntest, il-proposti għar-regolamentazzjoni tas-servizzi diġitali fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali jikkostitwixxu xejra promettenti. Madankollu, kif enfasizzaw diversi partijiet ikkonċernati (l-EDPS, l-EDPB, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u l-OSĊ), ir-regolamentazzjoni tal-kontenut u s-servizzi pprovduti online tippreżenta wkoll sfidi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, bħad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, id-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni (l-Artikoli 7, 8, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE).

Kemm l-inizjattivi legali nazzjonali kif ukoll l-abbozz tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali wasslu għal opinjonijiet u kritika li jvarjaw. Il-valutazzjoni tagħhom tiżvela ċertu tħassib komuni. Dawn jinkludu l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri biex jiġi mmoderat il-kontenut online jkunu proporzjonali, u l-importanza li jiġu żgurati mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza.

Barra minn hekk, ir-riċerka hija kruċjali biex wieħed jifhem kif il-kontenut online jista' jiġi mmoderat mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti. Dan jirrikjedi aċċess għad-*data* dwar il-funzjonament tal-pjattaformi diġitali, fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali. Madankollu, xi pjattaformi kbar ipprevjenew lill-esperti esterni mill-OSĊ milli jwettqu riċerka relatata mad-drittijiet fundamentali fl-2021, billi ċaħħduhom mill-aċċess għad-*data* tagħhom.





Il-protezzjoni taċ-ċittadini minn theddid ta' diversi naturi – inklużi l-pandemija, il-kontenut illegali online u ċ-ċiberkriminalità – għandha intenzjoni tajba. Madankollu, b'dak l-objettiv, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri adottaw jew qed jikkunsidraw leġiżlazzjoni li tista' tinterferixxi mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* (l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta).

L-iżvilupp taċ-ċertifikati tal-COVID-19 kien jirrappreżenta sfidi għall-protezzjoni tad-*data*, u dan ġiet enfasizzat mill-istituzzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* u l-OSĊ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Minkejja l-ġurisprudenza riċenti tal-QEDB dwar is-sorveljanza tal-massa, u l-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar iż-żamma tad-*data*, l-Istati Membri komplew iressqu proposti leġiżlattivi mmirati lejn it-tisħiħ tas-sorveljanza u ż-żamma tad-*data*, mingħajr ma inkorporaw salvagwardji suffiċjenti tad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi huma għanijiet leġittimi, l-esperti indikaw il-ħtieġa li jitwettqu testijiet xierqa tan-neċessità u tal-proporzjonalità biex jiġi żgurat li l-ebda miżura ma tirriżulta fi ksur tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* jew ta' drittijiet fundamentali oħra.

## L-OPINJONI 7.3 TAL-FRA

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe inizjattiva legali ġdida proposta biex titrawwem is-sigurtà tal-individwi, kemm jekk f'kuntest ta' emerġenza kif ukoll jekk le, tirrispetta d-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, il-miżuri legali adottati biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19 jew biex titrawwem is-sigurtà kontra t-theddid nazzjonali għandhom jiżguraw li jiġu implimentati salvagwardji xierqa biex jiġu protetti d-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza. Tali miżuri għandhom jiġu preskritti mil-liġi, ikunu meħtieġa u proporzjonati f'soċjetà demokratika. Il-mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jiġu skrutinizzati b'mod regolari. L-individwi għandhom ikunu jistgħu jilmentaw dwar miżuri bħal dawn u jkollhom aċċess għal rimedji effettivi.

# 8

# ID-DRITTIJIET TAT-TFAL



*Fl-2021, il-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) kompliet toħloq sfidi għad-drittijiet tat-tfal. F'Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat għall-ewwel darba Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal fuq sitt oqsma tematiċi, li tinkludi: l-inklużjoni soċjoekonomika tat-tfal, is-saħħa u l-edukazzjoni; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal; u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra t-tfal. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, stadju importanti ieħor li jindirizza l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali, tikkomplementa l-istrateġija.*

*L-għadd ta' tfal li jfittxu l-ażil żdied b'mod sostanzjali, filwaqt li s-sitwazzjoni volatili fil-fruntieri ħolqot sfidi serji. Id-detenzjoni ta' migranti tfal kompliet f'diversi Stati Membri, inkluż f'każijiet fejn l-età tal-persuna kienet għadha ma ġietx iddeterminata. L-isfidi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali komplew f'diversi Stati Membri, filwaqt li l-korpi ta' monitoraġġ internazzjonali qajmu tħassib dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tat-tfal f'kunflitt mal-liġi.*

## L-OPINJONI 8.1 TAL-FRA

Il-Kummissjoni Ewropea tista' tikkunsidra li tipprovdi appoġġ u gwida mmirati lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Dan jista' jinkludi l-iffaċilitar tal-iskambju ta' prattiki tajbin dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom li jimplimentaw il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal ikollhom biżżejjed riżorsi u jindirizzaw l-aktar tfal vulnerabbli, speċjalment fir-rigward tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikomplu jivvalutaw l-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa mentali tat-tfal u jistabbilixxu miżuri biex jiġu evitati konsegwenzi negattivi ulterjuri.

Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taffettwa firxa ta' drittijiet tat-tfal li l-Karta tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (il-Karta) tipproteġi, bħad-dritt għall-edukazzjoni (l-Artikolu 14) u għall-protezzjoni u l-kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom (l-Artikolu 24). Is-sehem ta' tfal li jgħixu f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-EU27 żdied minn 22.2 % fl-2019 għal 24.2 % fl-2020, skont l-aħħar statistika tal-Eurostat.

Fl-2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-Garanzija Ewropea għat-Tfal, skema għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u għall-iżgurar tal-aċċess għal servizzi bażiċi għat-tfal kollha, inklużi dawk fi gruppi vulnerabbli. Ħafna partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili laqgħu l-garanzija. L-Istati Membri se jkollhom bżonn jittrasformawha fi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali matul l-2022.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal li qatt saret. Din tiddefinixxi għadd ta' miżuri f'oqsma li l-pandemija tal-COVID-19 affettwat ukoll.

Fl-2021, l-Istati Membri komplew jipprovdu assistenza finanzjarja, kif ukoll protezzjoni soċjali u miżuri edukattivi speċjali, biex jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19. L-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa mentali tat-tfal qajjem tħassib, għalkemm il-firxa tagħha għadha mhijiex magħrufa bis-sħiħ.






L-għadd ta' tfal u tfal mhux akkumpanjati li applikaw għall-ażil fl-2021 żdied b'mod sostanzjali minn inqas minn 130 000 fl-2020 għal kważi 167 000 fl-2021. It-tfal migranti huma intitolati għall-protezzjoni skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta u l-leġiżlazzjoni tal-UE, bħad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza. Madankollu, it-tfal migranti spiss esperjenzaw kundizzjonijiet allarmanti f'xi Stati Membri u fil-fruntieri tal-UE.

Il-push-backs u l-użu tal-vjolenza f'mill-inqas seba' Stati Membri tal-UE affettwaw ukoll lit-tfal li jivvjaġġaw mal-familji tagħhom u t-tfal mhux akkumpanjati. L-organizzazzjonijiet tan-NU, is-soċjetà ċivili u l-Kunsill tal-Ewropa kkundannaw bis-sħiħ din is-sitwazzjoni.

Id-detenzjoni tat-tfal mal-familji tagħhom u tat-tfal mhux akkumpanjati tkompli f'diversi Stati Membri, inkluż matul il-valutazzjonijiet tal-età. Id-detenzjoni tat-tfal għandha tintuża biss bħala miżura eċċezzjonali tal-aħħar istanza, skont id-dritt tal-UE. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata f'Marzu 2021, tipproponi diversi miżuri, inkluż l-iżvilupp ta' alternattivi għaż-żamma tat-tfal migranti.

## L-OPINJONI 8.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa għal tfal li jivvjaġġaw mal-familji, kif ukoll għal tfal mhux akkumpanjati. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' alternattivi għad-detenzjoni, bħala waħda mill-miżuri stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

## L-OPINJONI 8.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-użu ta’ alternattivi għad-detenzjoni għat-tfal li huma persuni suspettati jew akkużati fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw id-Direttiva tal-UE dwar is-salvagwardji proċedurali u liġi internazzjonali u nazzjonali oħra. L-allegazzjonijiet ta’ kundizzjonijiet jew trattament inadegwat tat-tfal imċaħħda mil-libertà għandhom jiġu investigati u rimedjati bis-sħiħ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti li jinvolvu ruħhom mat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja kriminali jipparteċipaw f’taħriġ dwar id-drittijiet tat-tfal f’kuntatt mal-liġi u tat-tfal imċaħħda mil-libertà.

L-Artikolu 48 tal-Karta jipprovdi salvagwardji importanti għall-preżunzjoni ta’ innoċenza u għad-dritt għad-difiża. L-Artikolu 24 tal-Karta jirrikjedi li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interess tat-tfal.

Id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali għal tfal li huma persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (2016/800/UE) tistabbilixxi għadd ta’ limitazzjonijiet għaċ-ċaħda tal-libertà ta’ tfal f’kunflitt mal-liġi, u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għat-trattament tagħhom, bħall-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-iżvilupp fiżiku u mentali, l-edukazzjoni u l-eżerċizzju regolari, u d-dritt tagħhom għall-ħajja tal-familja. Il-Karta tipprojbixxi kwalunkwe forma ta’ tortura jew ta’ trattament jew pieni inumani jew degradanti (l-Artikolu 4). Madankollu, diversi korpi internazzjonali ta’ monitoraġġ enfasizzaw it-trattament mhux xieraq tat-tfal imċaħħda mil-libertà f’xi Stati Membri fl-2021.

Ir-riformi legali biex id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali tiġi inkorporata fil-liġi nazzjonali, maħsuba għal Ġunju 2019, komplew fl-2021. Il-proċeduri ta’ ksur mibdija fl-2019 kontra seba’ Stati Membri baqgħu miftuħa. Diversi Stati Membri bdew jemendaw il-liġijiet tal-ġustizzja kriminali tagħhom fl-2021, b’enfasi qawwija fuq alternattivi għad-detenzjoni u l-istabbiliment ta’ qrati tal-minorenni speċjalizzati.



9

# AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

***Dan il-kapitolu jiffoka fuq żewġ temi wiesgħa: id-drittijiet tal-vittmi fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' vittmi, u l-indipendenza tal-ġudikatura. Dan tal-aħħar huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-istat tad-dritt.***

***L-UE kompliet issaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi fl-2021. Fil-qafas tal-Pjattaforma għad-Drittijiet tal-Vittmi, il-Kummissjoni Ewropea kompliet tiddiskuti kif id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi hija relatata ma' kategoriji differenti ta' vittmi. L-Istati Membri adottaw miżuri legali u/jew ta' politika ġodda biex isaħħu d-drittijiet ġeneriċi tal-vittmi kollha tal-kriminalità, u b'mod partikolari tan-nisa bħala vittmi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru.***

***Sadanittant, it-tħassib ġie approfondit fir-rigward tar-rispett għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari fl-indipendenza tal-ġudikatura. Id-defiċits ippersistew f'diversi Stati Membri. Il-mekkaniżmu biex id-distribuzzjoni tal-fondi tal-UE ssir kundizzjonali daħal fis-seħħ, u għalhekk il-miżuri biex jiġi ppenalizzat il-ksur tal-istat tad-dritt qed jieħdu forma gradwalment.***



L-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi jagħtu lil kull vittma tal-kriminalità d-dritt għal servizzi ta' appoġġ xierqa. Għaldaqstant, is-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li jkun hemm disponibbli biżżejjed servizzi ta' appoġġ li jissodisfaw standards ta' prestazzjoni definiti.

L-evidenza mir-riċerka tal-FRA fl-2021 tissuġġerixxi li n-network ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ eżistenti f'ħafna Stati Membri għadu frammentat u mhux komplut, u l-pulizija spiss ikollhom diffikultà biex jivvalutaw liema organizzazzjonijiet ta' appoġġ huma disponibbli u huma l-aktar xierqa għal vittmi individwali. Pereżempju, din is-sitwazzjoni tirriżulta f'xi Stati Membri li għandhom kopertura estensiva għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew għan-nisa bħala vittmi ta' vjolenza domestika jew sesswali, filwaqt li vittmi oħra, bħal vittmi ta' vjolenza razzista, omofobika jew tas-sitwazzjoni, bħall-kriminalità tal-proprjetà, għandhom provvista limitata ta' appoġġ lill-vittmi.

Barra minn hekk, ftit wisq Stati Membri għandhom reġistru ta' servizzi akkreditati ta' appoġġ għall-vittmi, skont ir-riċerka tal-FRA li tkopri l-2021. Tali reġistru jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet tal-pulizija u tal-ġustizzja kriminali biex jiddeċiedu liema servizzi jistgħu jintalbu jipprovdu appoġġ lill-vittmi li jissodisfa ċerti standards.

## L-OPINJONI 9.1 TAL-FRA

F'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-vittmi kollha tal-kriminalità – irrispettivament mit-tip ta' reat – ikollhom aċċess għal organizzazzjoni li tipprovdi servizzi ta' appoġġ. Il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għandu jkun sostnut minn standards ta' kwalità, pereżempju fi proċess ta' ċertifikazzjoni jew ta' akkreditazzjoni li jiżgura li s-servizzi ta' appoġġ ipprovduti jissodisfaw standards ta' prestazzjoni definiti.



## L-OPINJONI 9.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu bażi legali soda għall-ordnijiet ta' preskrizzjoni ta' emerġenza maħruġa mill-pulizija mingħajr ma jirrikjedu l-kunsens jew l-applikazzjoni tal-vittma, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali ordnijiet ta' preskrizzjoni jinħarġu fil-fatt mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-każijiet xierqa kollha, li l-konformità ma' dawn l-ordnijiet mit-trasgressur tiġi mmonitorjata strettament u li n-nuqqas ta' konformità jiġi ssanzjonat b'mod deċiżiv.

F'konformità mal-Artikoli 50 u 52 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-Istati Membri li rratifikaw il-konvenzjoni huma meħtieġa jiżguraw li l-pulizija jkunu kapaċi u lesti jipprovdu protezzjoni immedjata u affidabbli lill-vittmi billi joħorġu ordnijiet ta' preskrizzjoni ta' emerġenza. Madankollu, xi Stati Membri għad m'għandhomx ordnijiet ta' preskrizzjoni ta' emerġenza fis-sistemi legali tagħhom, filwaqt li f'oħrajn il-pulizija jsibuha bi tqila biex jużawhom, skont id-*data* tal-FRA ġġenerata fl-2021. F'oħrajn, l-ordnijiet ta' emerġenza jinħarġu, iżda ftit li xejn isir biex jiġi żgurat li t-trasgressuri vjolenti jikkonformaw magħhom b'mod affidabbli.

## L-OPINJONI 9.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-ġudikaturi tagħhom jibqgħu indipendenti u imparzjali sabiex jiggarantixxu li l-każijiet rilevanti tad-dritt tal-UE jiġu deċiżi f'konformità mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet fundamentali, inkluż l-Artikolu 47 tal-Karta. B'mod partikolari, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-imħallfin u l-prosekuturi ma jkunux mhedda bi proċedimenti dixxiplinari minħabba l-mod li bih iwettqu l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom.

Ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tal-aċċess għall-ġustizzja (l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 67(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). Mhumiex biss l-atturi esterni, bħall-gvern jew il-media, iżda anke l-mekkaniżmi interni ta' amministrazzjoni ġudizzjarja riġida li jpoġġu pressjoni fuq il-prosekuturi jew l-imħallfin li jistgħu jheddu din l-indipendenza, kif fakkru sentenzi tal-2021 tal-QĠUE f'każijiet li jikkonċernaw il-qrati fil-Polonja u fl-Ungerija.

Dan il-periklu huwa partikolarment assoċjat ma' miżuri ta' kontroll dixxiplinari. Jekk tali miżuri jintużaw kontra l-imħallfin u l-prosekuturi pubbliċi, għandha tingħata attenzjoni stretta biex jiġi żgurat li dawn ma jfixklux l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji.



# 10

# ŻVILUPPI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***Il-Kummissjoni Ewropea nediet l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-diżabilità għall-2021–2030. Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ġie adottat formalment, u introduċa kriterji stretti biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jikkonforma mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). Id-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji għan-nies b'diżabilità ġew imsaħħa. Rapport tal-Parlament Ewropew dwar it-tagħlimiet meħuda mill-petizzjonijiet rigward id-drittijiet tan-nies b'diżabilità xeħet dawl fuq oqsma ta' titjib kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri.***

***Il-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) irriżultat f'rati ogħla ta' mwiet u ta' mard fost in-nies b'diżabilità. Ir-rapporti ta' trattament ħażin wasslu għal żieda fis-sejħiet għal deistituzzjonalizzazzjoni urġenti. Deċiżjoni tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar l-edukazzjoni segregata għat-tfal b'diżabilità enfasizzat il-ħtieġa ta' edukazzjoni inklużiva bis-sħiħ fl-edukazzjoni primarja u sekondarja.***

***L-Istati Membri ħadu l-passi li jmiss għall-implimentazzjoni tal-Att il-ġdid Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà. L-implimentazzjoni tas-CRPD lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi attwali tal-UE baqgħet irregolari. L-Istati Membri kollha issa għandhom korp ta' monitoraġġ nazzjonali tas-CRPD.***

L-Artikolu 19 tas-CRPD tal-istrateġija tal-UE dwar id-diżabilità 2021–2030 jirrikjedu d-deistituzzjonalizzazzjoni tan-nies b'diżabilità. L-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar id-diżabilità se żżid il-ħtieġa li jitlesta l-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni fl-UE. Dan il-proċess se jkun assistit minn gwida mill-Kummissjoni lill-Istati Membri rigward it-titjib fl-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità, skedat għall-pubblikazzjoni fl-2023.



## L-OPINJONI 10.1 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaċċelleraw b'mod urġenti l-isforzi tagħhom lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni, inkluż permezz tal-użu u l-monitoraġġ xieraq tal-fondi tal-UE biex jiżguraw li n-nies b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti u jiġu inklużi fil-komunità. Dan isir partikolarment importanti biex jiġi evitat aktar ksur tad-drittijiet tan-nies b'diżabilità f'pandemiji futuri jew f'emerġenzi oħra b'effetti simili.

Ir-Regolament il-ġdid dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (2021/1060), adottat fl-2021, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal tmien fondi tal-UE. Dan jorbot b'mod espliċitu l-finanzjament mal-konformità mas-CRPD. Ir-regolament jirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu arranġamenti biex jiżguraw li l-politika, il-leġiżlazzjoni u l-istandards tal-aċċessibbiltà jkunu riflessi kif xieraq fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-programmi. Dan jirrikjedi wkoll l-involviment tal-organizzazzjonijiet tan-nies b'diżabilità matul iċ-ċiklu ta' finanzjament, u l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-CRPD bħala "kundizzjoni abilitanti" għall-użu tal-fondi tal-UE.

Għalhekk, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni huwa mezz importanti biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE ma jintużawx biex jiġu ssolidifikati jew inkella jiġu estiżi forom istituzzjonalizzati ta' għajxien (pereżempju billi tiġi kofinanzjata r-rinnovazzjoni ta' tali istituzzjonijiet). Dan ifittex li jiżgura li l-fondi minflok jikkontribwixxu għall-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni (pereżempju billi jikkofinanzjaw strutturi u servizzi ġodda li jippermettu forom ta' għajxien appoġġjati fil-komunità).

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa urġenti tad-deistituzzjonalizzazzjoni. In-nies b'diżabilità jinsabu f'riskju fiżiku akbar bħala riżultat tal-pandemija. Huma jiffaċċjaw ukoll riskji kbar għall-benesseri mentali tagħhom, speċjalment meta jkunu f'ambjenti istituzzjonalizzati, minħabba r-riskju ta' iżolament soċjali ogħla tagħhom.



L-Artikolu 33(2) tas-CRPD jirrikjedi li l-Istati Membri kollha tal-UE jistabbilixxu korp ta' monitoraġġ indipendenti. L-Istati Membri kollha tal-UE u l-Unjoni issa għamlu dan, b'hekk l-2021 tiġi rrikonoxxuta bħala s-sena meta dan l-istadju importanti ewlieni fil-monitoraġġ tas-CRPD inkiseb bis-sħiħ.

Madankollu, kif irrapportat hawnhekk u f'edizzjonijiet preċedenti tar-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali, għad hemm sfidi għall-operat ta' dawn il-korpi, inkluż finanzjament, faċilitajiet u riżorsi umani insuffiċjenti. Fl-istess ħin, il-pandemija fakkritna fil-ħtieġa li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nies b'diżabilità, li hija funzjoni ewlenija ta' tali korpi. Fl-aħħar nett, ir-rwol li jipprevedi r-Regolament il-ġdid dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-korpi nazzjonali, inkluż il-monitoraġġ tal-konformità tas-CRPD dwar id-diversi stadji tal-fondi tal-UE, se jirrikjedi riżorsi addizzjonali għal dawn il-korpi.

## L-OPINJONI 10.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li jallokaw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji lill-korpi li jaħtru bħala korpi ta' monitoraġġ tal-Artikolu 33(2). Huma għandhom ifittxu sħubijiet mill-qrib ma' dawn il-korpi fit-tfassil, fil-monitoraġġ u fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti u tal-fondi tal-UE. Għandhom jiżguraw ukoll li dawn il-korpi jkollhom ir-riżorsi kollha biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti, speċjalment fiċ-ċikli ta' politika u ta' finanzjament tal-UE.



L-Artikolu 9 tas-CRPD jirrikjedi li l-Istati Partijiet għall-konvenzjoni jiżguraw li n-nies b'diżabilità jkollhom aċċess, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u għall-komunikazzjonijiet, inklużi t-teknoloġiji u s-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet u servizzi oħra miftuħa jew ipprovduti lill-pubbliku, kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.

Il-pandemija żvelat nuqqasijiet fl-għoti ta' informazzjoni lil nies b'diżabilità. Ħafna siti web pubbliċi għadhom jeħtieġu titjib minkejja l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà għadha fl-istadji bikrija tagħha. L-isfidi tal-aċċessibbiltà jibqgħu f'oqsma bħall-ambjenti elettorali, il-qrati u t-trasport.

## L-OPINJONI 10.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom iħaffu l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web u tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, u għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-aċċessibbiltà f'oqsma li għadhom mhumiex armonizzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE, sabiex in-nies b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja u jkollhom aċċess, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, għal faċilitajiet u servizzi miftuħa jew ipprovduti lill-pubbliku.






Is-sena 2021 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-***Fundamental Rights Report 2022*** tal-FRA (Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022) jirrieżamina l-iżviluppi prinċipali fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2021, u jagħti deskrizzjoni tal-opinjonijiet tal-FRA dwar dawn. Filwaqt li jinnota kemm kisbiet kif ukoll oqsma ta' tħassib li għad fadal, dan jipprovdi għarfien dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE.




L-enfasi ta' din is-sena tħares lejn id-drittijiet soċjali u l-ugwaljanza fid-dawl tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. Il-bqija tal-kapitoli jiddiskutu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; l-ażil u l-migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

# NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA —

Għal *Fundamental Rights Report 2022* tal-FRA sħiħ (Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022) – ara https://fra.europa.eu/en/publication/2022/fundamental-rights-report-2022

Ara wkoll pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati:

- FRA (2022), ***Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali – 2022 – Opinjonijiet tal-FRA***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, https://fra.europa.eu/mt/publication/2021/rapport-dwar-id-drittijiet-fundamentali-2021-opinjonijiet-tal-fra (disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE)
- FRA (2022), ***Social rights and equality in light of the recovery from the Covid-19 pandemic***, (Id-Drittijiet soċjali u l-ugwaljanza fid-dawl tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19) il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, https://fra.europa.eu/mt/publication/2021/coronavirus-pandemic-focus (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż)

Rapporti Annwali preċedenti tal-FRA dwar l-isfidi u l-kisbiet relatati mad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea għadhom disponibbli fuq is-sit web tal-FRA (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

AKTAR INFORMAZZJONI

**FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**
Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vienna – Austria
T +43 158030-0 – F +43 158030-699
**fra.europa.eu**

facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea